MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Numru 738/2003

**Il-Pulizija**
**(Spt. Nesren Grixti)**
**(Spt. Ramon Mercieca)**
**vs**
**Josette Bickle**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Josette Bickle** ta' 33 sena, bint Emanuela nee' Brincat, imwielda Msida nhar id-19 ta' Settembru, 1969, residenti gewwa 6, Flt 1, Triq it-Turgien, Valletta u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 384869(M);

1. Talli f'dawn il-Gzejjer fil-11 ta' Lulju, 2003, fl-1 t'Awissu, 2003 u fis-26 t'Awissu, 2003 diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda. Art. 18 tal-Kap 9.

2. Talli f'dawn il-Gzejjer fil-11 ta' Lulju, 2003 forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew tipprokura id-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghal uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorrizat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-droga perikoluzi (G.N 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-improtazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanefattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regola 1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Kif ukoll talli fl-1 t'Awissu, 2003 u fis-26 t'Awissu, 2003 forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura id-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghal uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorrizat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-droga perikoluzi (G.N 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-improtazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanefattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regola 1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur

ta’ l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Kif ukoll talli fil-11 ta’ Lulju, 2003 kellha fil-pussess taghha d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-improtazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-raba’ u s-sitt taqsima ta’ l-ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanefattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond it-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Kif ukoll talli fl-1 t’Awissu, 2003 u fis-26 t’Awissu, 2003 kellha fil-pussess taghha d-droga Eroina kif ukoll talli kellek fil-pussess tieghek id-droga Eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pusess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-raba’ u s-sitt Taqsima tal-ordinanza u meta ma kienx bil-Licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu esklussiv tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta’ 1939 dwar il-Kontroll Interna tad-Droga Perikoluzi (G.N 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjes li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet il-provi;

Semghet ukoll l-ammissjoni tal-imputata fuq l-ewwel u t-tieni akkuza kif registrata fl-ahhar seduta u cioe fil-15 ta’ Gunju 2006;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata tressqet quddiem din il-Qorti sabiex twiegeb ghall-akkuzi kif dedotti kontra taghha wara li fil-31 t’Awissu, 2003 kienet instabet persuna mejta fi stat avvanzat ta’ dekomposizzjoni gewwa appartament fil-Belt Valletta. Fl-istess blokk kien hemm il-flat li fih toqghod l-imputata. Il-persuna misjuba mejta kienet appena rilaxxjata mill-isptar Monte Carmeli erbat ijiem qabel flimkien ma’ persuna ohra habib tal-mejjet. It tnejn li huma kienu ftehmu li jmorru jixtru d-droga minn fejn id-DETOX centre. George Cefai, li huwa l-persuna misjuba mejta, kien mar jixtri d-droga minghand l-imputata u t-tnejn kkonsmaw minnha. Fis-26 t’Awissu, it-tnejn regghu marru jixtru minghand l-imputata, Cefai xtara d-droga u qal lill siehbu li l-imputata offritilhom jaghmlu uzu mill-appartament biex jiehdu d-droga li xtraw kif fil-fatt ghamlu. L-ghada ftehmu li jmorru ghal rashom izda meta regghu iltaqghu Cefai kien jidher fi stat hazin. Dakinhar li l-ahhar raw lil xulxin, Cefai informa lill-siehbu li kien ser jipprova jixtri aktar droga minghand l-imptuata. Sussegwentement Cefai instab mejjet minn siehbu fl-istess appartment wara li dan mar ifittex lil Cefai biex jara jistax jorqod hemmehkk peress illi ma kellux fejn jorqod.

Ikkunsidrat:

Illi l-unika rabta bejn l-imputata u George Cefai hija l-allegazzjoni ta' bejgh ta' droga minn ta' l-ewwel ghal dan tal-ahhar. L-imputata mhix mixlija b'xi offiza rigward il-mewt ta' George Cefai u ghalhekk dawk il-fatti li jolqtu l-mewt ta' George Cefai qed jittiehdu in konsiderazzjoni minn din il-Qorti biss fejn hu relevanti u mehtieg.

Ikkunsidrat ukoll illi l-imputata talbet lil din il-Qorti tikkunsida it-tielet u r-raba akkuzi bhala komprizi fl-ewwel u t-tieni wahda. It-telet akkuza hija wahda ta' pussess tad-droga kokajina fid-data tal-11 ta' Lulju 2003 filwaqt illi r-raba akkuza hija dwar pussess tad-droga Eroina fl-1 ta' Awissu 2003 kif ukoll fis-26 ta' Awissu 2004. Issa l-imputata ammettiet illi hija pprokurat id-droga Kokajina u Eroina fit-tlett dati li dwarha hija akkuzata li kienet fil-pussess taghhom. Il-Qorti ma tistax taqbel mad-difiza fil-kontestazzjoni taghha ghaliex id-delitt tal-pussess u dik tal-ispacc huma ben diversi minn xulxin. Fil-kaz in dizamina, izda, l-imputata kienet fil-pussess tad-droga kokajina u eroina u fl-istess waqt ttrafikkat fihom meta bieghet dawn lil George Cefai u lil siehbu fid-dati indikati. Il-Qorti hi tal-fehma, illi l-ammissjoni dwar traffikar tammonta ghal-prova dwar il-pussess tal-istess droga gialadarba l-akkuza hija wahda ta' pussess semplici u mhux pussess bl-intenzjoni li titraffika ghaliex il-kaz kien ikun ben divers.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti qed issib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha;

Wara li rat l-artikoli 18 tal-Kap 9, 22 (2) (b) (i), 22(2) (b) (ii) tal-Kap 101 u Reg 4 u 8 tal-GN 292/1939,

Wara li rat il-fedina penali tal-imputata fejn jirrizultaw diversi kundanni uhud minnhom konnessi mad-droga;

Wara li hadet in konsiderazzjoni d-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li l-imputata ghandha tibbenefika mill-provvedimenti tal-artikolu 29 tal-Kap 101 kif ukoll bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 (h) tal-Kap 9;

Tikkundanna lill-imputat ghal-terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn mil-lum oltre hlas ta’ multa ta’ elf u hames mitt lira malta (Lm1500) u cioe’ l-piena ridotta bi grad kwantu t-terminu ta’ prigunerija u riduzzjoni b’terz kwantu l-piena pekunarja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------